**238. Il-Prim Ministru, l-Onor. Karmenu Mifsud Bonnici, jipproponi:**

Billi skont l-artikolu 25 tal-Istatut tal-Kunsill tal-Ewropa, l-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill għandha tikkonsisti f'rappreżentanti ta' kull parlament li hu membru tal-Kunsill, liema rappreżentanti għandhom ikunu eletti jew maħtura minn fost il-membri ta' kull parlament, skont kif dan jiddeċiedi.

Għaldaqstant din il-Kamra tirriżolvi li taħtar l-Onor Daniel Micallef, President tagħha, bħala r-rappreżentant ta' dan il-Parlament, fl-Assemblea Konsultattiva tal-Kunsill tal-Ewropa; u li dan ir-rappreżentant iżomm din il-kariga sakemm jibqa' jżomm il-kariga preżenti tiegħu f'dan il-Parlament, jew sakemm dan il-Parlament ma jiddeċidix xort'oħra.

05.09.1985

**L-Onor. Guido De Marco ressaq din l-Emenda "A":**

Ħassar it-tieni paragrafu tal-mozzjoni u ssostitwih b'dan li ġej:

"Billi skond l-artikolu 26 ta' l-istess Statut tal-Kunsill ta' l-Ewropa Malta għandha dritt tibgħat tliet rappreżentanti fl-Assemblea Parlamentari, liema rappreżentanti għandhom jirriflettu l-opinjonijiet politiċi rappreżentanti f'din il-Kamra.

Għaldaqstant din il-Kamra tirrisolvi li taħtar żewġ membri min-naħa tal-Gvern u Membru min-naħa ta' l-Oppożizzjoni bħala rappreżentanti ta' din il-Kamra fl-Assemblea Parlamentari. L-għażla ta' dawn il-membri għandha ssir rispettivament mill-Prim Ministru u mill-Kap ta' l-Oppożizzjoni li għandhom jindikaw l-ismijiet tal-membri minnhom magħżula lill-President tal-Kamra sa nhar l-Erbgħa, 11 ta' Settembru, 1985. Il-Kamra tirrisolvi wkoll li bl-istess mod jiġu nominati tliet sostituti għar-rappreżentanti msemmija".

**10.09.1985**

**L-emenda "A" m'għaddietx f'Seduta 270 tal-11 ta' Settembru 1985.**

**Il-mozzjoni 238 għaddiet f'Seduta 270 tal-11 ta' Settembru 1985.**